# BEN-JEĦUŻA

Il-kwiekeb il-kbar kienu għadhom kemm tfew; u s-sema beda jibjad, imbagħad jiħmar, imbagħad jiddieheb; u fl-aħħar ix-xemx, ħamra u kbira, feġġet tittawwal minn wara l-iġbla ta' Gerax għal fuq il-baħar ta' Tabarija.

Dak il-ħin sew, dgħajsa tas-sajd żgħira bi tlieta min-nies fiha, kienet qasmet il-baħar, daħlet ħalq il-Ġurdan, u waqfet b'ħaddha mat-tajn ta' xatt ix-xmara, li jagħti għall-barr ta' Betsajda.

Kif waqfet, il-qaddief, żagħżugħ Lhudi, qawwi, samrani, qabeż fuq xatt ix-xmara. B'idu l-waħda ħafen qarn id-dgħajsa biex ma timxix ma' l-ilma, u bl-oħra għan lix-xiħ li kien fiha, jinżel l-art ma' ġenbu. L-ieħor li kien fid-dgħajsa żagħżugħ sbejjaħ mirqum, bin in-nies tat-tajjeb, qabeż l-art bla għajnuna, ħafif-ħafif, donnu għażżiela. Ix-xiħ, bla kliem, daħħal idu fi ħżiemu, ħareġ biċċa tal-fidda u newwilha lill-qaddief, li kif ħadha bil-qima, biesha, messha ma' ġbinu u qal lix-xiħ: "Alla jroddhie-

lek!" "Alla jżommok qawwi sħiħ" wieġeb dan. Il-qaddief qabeż fid-dgħajsa u telaqha timxi mas-sejr, u t-tnejn l-oħra bdew telgħin it-telgħa.

Kif telgħu t-telgħa u dehret il-wita quddiemhom, iż-żagħżugħ waqaf f'daqqa u qabad driegħ ix xiħ. "Ħares ftit għammi. Ara x'ġemgħat ta' nies!" Ix-xiħ waqaf ukoll, għammex għajnejh, u: "Dawk nies?" saqsa. "Dannejthom imrieħel, narahom suwed il-koll". "Nies!" wieġeb iż-żagħżugħ. "Ara n-nisa lebsin it-tôb iżraq, il din-naħa, u t-tfal jilagħbu ma' ġenbhom'.

"Ejja ngħaġġlu ftit", raġa' x-xiħ, u qabdu t-triq għalenija.

Malli waslu ħdejn dawra rġiel, bil-qiegħda fuq il-ħaxix, fi djul il-għolja, Natan, ix-xiħ li ġie bid-dgħajsa, sellmilhom u saqsiehom fejn kien in-Nasri. "Hawn fuq," wieġeb wieħed minnhom jurih il-għolja. "Ara dawk telgħin għandu. Għadu kemm għajtilhom Hu."

Iż-żewġt ìsħab imxew ftit ieħor, u ż-żgħir mill-ġdid waqqaf il-kbir. "Oqgħod ftit hawn għammi", qallu, "ħalli nitla' s'hemm fuq. Dal-waqt narġa' niġi. Irrid narah lil dar-raġel. Inħares biss u narġa' għal ħdejk!"

Kif qal hekk, ħafif daqs berqa, telaq jiġri ma' ġenb il-għolja. Tala' ma' żurżieqa qalb is-siġar qerqni tal-ballut, u waqaf moħbi ma' ġenb blata.

Fuq dahar il-għolja ra tlettax-il bniedem — l-ixjeħ wieħed ta' xi sittin, l-iżgħar, sabi ta' bejn il-għaxra u t-tnax-il sena, u l-bqija bejn il-għomrejn. Tnax kienu weqfin siktin, bil-qima, u wieħed ukoll, ħosbien, miġbur fih in-nifsu, li jidher li kien l-imgħallem tagħhom. Meta dam hekk għal ftit, l-Imgħallem rafa' għajnejh, fetaħ fommu u tkellem: "Intom id-dawl taddinja", qallhom. "Ħuġġieġa fuq għolja ma ssirx biex tinħeba, imma biex tidher mill-bgħid. Intom melħ id-dinja. Jekk il-melħ jitlef imluħitu ma jkun jiswa għall-ebda ħaġa, imma jirtema barra u jintrifes min-nies. Ħadd ma jixgħel imnara u jgħattiha, imma jqegħidha fil-għoli biex tagħmel id-dawl fid-dar. Hekk jeħtieġ li jiddi dawlkom quddiem in-nies Ma ħtartkomx għal xejn. Min jaħtar lil xi ħadd, jaħtru biex jibagħtu jaqdih f'xi ħaġa. Iftħu widnejkom mela, għal dak li sa tisimgħu, għax is-smigħ f'bin Adam bħaż-żerriegħa fir-raba. Bħalma l-bidwi jiżra' ż-żerriegħa li tinbet weħedha u tikber, u tagħmel il-frott tagħha fi żmienu, hekk min jisma' u jaħseb fuq li sama', il-għelm joktor waħdu fih, u fi żmienu jgħallem lil ħadd ieħor. Imxu wrajja."

Ben-Jeħuża, iż-żagħżugħ ta' wara l-blata, b'għajnejh imberrqa, widnejh wieqfa u xufftejh imbexxqa, xorob f'ruħu l-

virġnija d-dehra għaqlija u l-kliem għaref tal-Imgħallem il-ġdid li hu kien intbagħat mill-kbarat ta' Ġerusalemm flimkien ma' għammu Natan, biex ifittixlu l-passi tiegħu. Kif in-Nasri mexa 'l quddiem bit-tnax urajh, Ben-Jeħuża niżel ħafif bħar-riħ, miż-żurżieqa li tala' minnha, u wasal fejn Natan. "Għaġġel, għammi," qallu. "Rajtu. Nieżel minn hinnekk. Imxi, ħalli noqogħdu qrib minnu".

Ġesù, l-Imgħallem il-ġdid, deher nieżel mal-għolja, u fost il-ġemgħat tan-nies qamet bħal għagħa ħafifa. Ir-rġiel qamu, u nġemgħu ġemgħa waħda, u kif qagħdu bil-qiegħda, in-nisa ftit imbiegħda, qagħdu bil-qiegħda wara r-rġiel. Ġesù waqaf quddiemhom. Rafa' għajnejh, u ħares fuq il-ġemgħa. Qagħad bil-qiegħda fuq ħaġra tal-basalt sewda, u t-tnax qagħdu ma' dwaru. Ben-Jeħuża u għammu qagħdu wkoll bil-qiegħda ftit imwarrba min-nies u ħarġu minn ħobbhom il-għodda tal-ktib.

Wara sikta qasira, Ġesù rafa' idejh il fuq bil-ħlewwa; fetaħ fommu u leħnu ċar u qawwi tħallat mal-infiħ ħafif tal-fewġa għodwija :

"Imberkin intom il-foqra, għax tagħkom saltnet is-smewwiet. Imberkin intom li għandkom il-ġugħ, għax għad tixbgħu. Imberkin intom li tibku issa, għax għad tithennew. Imbierkin intom meta n-nies imaqdrukom, igħajrukom u jaħqrukom. Ifirħu dak il-ħin u thennew, għax il-ħlas tagħkom ikun kbir fis-sema. Hekk id-dinja għamlet dejjem man-nies it-tajba li ġew qabilkom."

L-Imgħallem siket u niżżel idejh. "Tajba!" qal Natan liż-żagħżugħ ma' ġenbu. "Ktibt kollox?" Imma Ben-Jeħuża ma weġbux, għax kif kiteb l-aħħar kelma, rafa' għajnejh u beda jħares sehwan, donnu maħtuf minn xi seħer, lejn ir-raġel ta' fuq il-blata.

Fil-ħin qasir li l-Imgħallem dam sieket il-bixra ta' wiċċu tbiddlet, u ħarstu ta' ferħ u ħlewwa saret ħarsa ta' qilla u ħruxija. Rafa' 'l fuq idu l-leminija, b'sebgħu l-werrej miftuħ, u leħnu stama' ċar u qawwi, bħal qabel :

"Ħażin għalikom il-għonja, għax għandkom il-għaxqa tagħkom ! Ħażin għalikom li xebgħanin il-lum, għax għad iġġugħu· Ħażin għalikom li tidħku l-lum għax għad tibku. Ħażin għalikom meta n-nies ifaħħrukom, ibirkukom u jżegħlu bikom, għax hekk għamlet dejjem id-dinja man-nies il-ħżiena ta' qabilkom" Qal hekk u siket mill-ġdid.

"Kollox bil-maqlub", qal Natan, kif temm il-kitba ta' l-aħħar kelma u rafa' għajnejh minn fuq il-bordi li kellu f'idejh; imma Ben-Jeħuża ma weġbux, għax kien barra minnu n-nifsu, iħares lejn ir-Rabbi, bħal qabel.

Ġesù beda mill-ġdid jitkellem: "La taħsbunix li ġejtkom biex inneħħi d-din u l-profeti; ma ġejtx biex inneħħi imma biex intemm. Amen, ngħidilkom: sa kemm ma jitneħħewx is-sema u l-art, amar wieħed mid-din ma jkunx imneħħi, imma kollox irid iseħħ."

"Għalhekk ingħidilkom: min jikser wieħed minn dawn it-tusijiet l-ewlenin, imqar jekk ikun igħallimhom lill-oħrajn, ikun misjub nieqes fis-saltna tas-smewwiet; imma min igħallimhom u jħarishom, dan ikun magħdud bi sħiħ fis-saltna tas-smewwiet. Għalhekk ingħidilkom: jekk il-ħaqq tagħkom ma jisboqx il-ħaqq tal-kittieba u tal-Farresin, anqas biss tidħlu fis-saltna tas-smewwiet."

L-Imgħallem siket għal ftit, donnu biex jagħti żmien li jiktbu liż-żewġ xellejja. "Din għalina!" qal Natan, li kien Farries mill-ewlenin, imma Ben-Jeħuża ma wieġbu xejn.

"Smajtu x'intqal lin-nies tal-qedem: La toqtolx, għax min joqtol jidħol f'tiġrib il-ħaqq. Imma jien ngħidilkom li kull min jagħdab għal ħuh, jidħol f'tiġrib il-ħaqq.

"Iftiehem mal-għadu tiegħek malajr, qabel ma tidħol il qorti miegħu, li jewwilla ma jseħħlux jisilmek lill-qadi, u l-qadijixħtek il-ħabs, u ma toħroġx minn hemm sa tħallas sal-anqas ħabba."

"Smajt x'intqal lin-nies tal-qedem: La tiżnix. Imma jien ingħidilkom li kull min iħares lejn mara biex jixtieqha, ikun żena magħha."

"Jekk għajnek tgħaddbek int u tħares, aqlagħha. Jaqbillek iċċaħħad lil għajnejk biss u tibqa' ħieles, milli thennihom u tkun mitfugħ kollok kemm int fil-ħabs."

"Smajtu x'intqal lin-nies ta' qabel: La tisraqx; imma jien ngħidilkom li kull min jara 'l ħuh fil-ħtieġa u ma jgħinux, ikun seraq."

"Agħti lil min jitolbok u la taħrabx minn min irid jissellef minnek: u min iħarrkek biex jeħodlok għabtek, agħtih il-libsa ukoll." Aktar jaqbillek tiċċaħħad minn ħwejġek, milli bil-ħwejjeġ b'kollox tiġi mixħut il-ħabs."

"Smajtu x'intqal lin-nies tal-qedem: La taħlifx fil-gideb. Imma jien ngħidilkom la taħilfu b'xejn: la bis-sema anqas bl-art, għax huma t'Alla, u anqas b'rasek, għax anqas rasek ma hi tiegħek, la darba ma tistax tagħmel xagħra minnha bajda jew sewda."

* * *

Dak in-nhar fil-għaxija, f'kamra żgħira fid-dar tax-xemmiex, Ben-Jeħuża kien għadu kemm kiteb mill-ġdid, ċar u bil-qajla, dak li għammu u hu, fil-għodu kienu kitbu bil-għaġla. Kif

ħeles il-kitba ħareġ u qagħad bil-qiegħda fuq bank tal-ħaġar ma' ġenb għammu Natan.

"Ħlist kollox ? " saqsieh Natan, iħares lejh.

"Kollox," wieġeb Ben Jeħuża, kif telaq idejh fuq ġenbejh u xeħet rasu mal-ħajt lura.

"X'deherlek mill-koll ?" raġa' x-xiħ.

"Lili jogħġobni, " qal iż-żagħżugħ, kif qam mill-ġdid fuq tiegħu, u ħares lejn ix-xiħ. "Kliemu aħrax; iebes għal darba, imma sewwa kollu kemm hu."

"Jogħġbok kollu? " saqsa x-xiħ. "Qiegħed tgħaġġibni. Jogħġbok ukoll dak li qal, li bin Adam għandu jagħmel bħas-susan tal-ajru, ma jaħsibx għall-ikel, u bħas-susan ta' l-art, ma jaħsibx għall-ilbies? X'jiġri kieku n-nies taqbad tagħmel hekk? Jidhirlek li sejra tagħmel xita tal-ħobż, u jinbtu l-ħwejjeġ mill-art bħal ħaxix? Kif tgħid li hu sewwa kliem bħal dan?"

" Għammi," qal Ben Jeħuża bil-qima, "nixtieqek tweġibni għal dan li sa nsaqsik."

"Għidli," radd ix-xiħ.

"Fil-bidu nett tad-dinja, l-ewwel nies, taħseb li kellhom il-fran u kienu jagħġnu u jaħbżu bħalna? Kellhom in-nwiel, u kienu jagħżlu, jinsġu u jħitu bħalna wkoll?" saqsa ż-żagħżugħ kiebi.

"Naħseb li le," wieġeb l-ieħor.

"Kienu jgħixu ?" raġa' ż-żgħir.

"Dak ħaqq. Kieku anqas ma ninsabu aħna."

"Mela," raġa' Ben Jeħuża, "la darba l-ewwel nies kienu jgħaddu bla ikel u lbies tas-sengħa, jistgħu jgħaddu mingħajrhom in-nies tal-lum ukoll. Kieku n-nies tal-lum jieħdu raj dan ir-Rabbi u ma jiħtemmux bl-ikel u bl-ilbies tas-sengħa, igħixu xorta waħda u jnaqqsu minn fuqhom bosta hemm. Mela dak li qal ir-Rabbi, sewwa!"

"Mela, kif qiegħed tgħid int," qabeż Natan immasħan, "u kif qal l-Imgħallem li jogħġbok, in-nies għandhom jerġgħu lura bħal bhejjem, jieklu tagħam l-art biss u jimxu għarwenin! U ħallina minnek !"

"Għammi," raġa' Ben Jeħuża, "inti, jaħasra, taqta' fil-qasir wisq. Trid twegibni jekk insaqsik xi ħaġa oħra?"

"Saqsi", wieġeb Natan b'għajnejh imberrħin.

"Għal fejn in-nies tal-lum ifittxu jieklu ikel tajjeb, u jilbsu lbies lelliexi? Meta jagħmlu dan x'iridu jsibu fih?"

"X'iridu jsibu!" qal ix-xiħ iċaqlaq rasu. "Iridu jsibu l-hena."

"U taħseb li fl-ewwel tad-dinja, meta dan kollu ma kienx

għadu jsir, ma kienux jinsabu nies hienja? Ħadd, anqas ftit min-nies biss?"

"Naħseb li iwa," qal Natan.

"Mela, bħalma qiegħed tgħid int in-nifsek il-faħar fl-ikel wit-tlellix fil-lbies anqas għal hena ma huma meħtieġa. Tagħlim l-Imgħallem, mela, hu temm u sewwa, kemm-il darba tħares lejn id-dinja kif inhi magħmula mill-ħulqien. Jekk wieħed, ma' dak li hu magħmul mill-ħulqien irid idaħħal dak li hu magħmul minn bniedem, ma jarahx sewwa; u dan juri li tagħlim ir-Rabbi hu msejjes fuq il-ħajja safja u ħielsa, kif inħalqet, mingħajr ebda żjieda."

"Tridx nagħmlu ħaġa tajba u ma nitħaddtux aktar fuq dana?" qal, kif qam bil-wieqfa kollu mgħaddab ix-xiħ. "Dawn tiegħek fehmiet tal-griegi, mhux fehmiet tal-lhud. Jien wissejtu 'l missierek għal darba tnejn tlieta, biex jara dawk l-Imgħallmin għorba x'tagħlim qegħdin jagħtuk. Hu ma riedx jisma' għalhekk baqgħu jdaħħlulek dawn il-fehmiet f'rasek. Ara x'jien ngħidlek, mela, ma nitkellmux aktar fuq dan."

L. CUTAJAR